# Werrej


Daħla .......... 5

A. L-Introduzzjoni: l-Istil tal-Poeta .......... 7

B. L-Analiżi tal-Poeżiji .......... 12

1. Lil Malta .......... 12
2. Tal-biża' din l-imħabba .......... 14
3. U baqa' s-skiet madwari .......... 19
4. Il-kelma tal-mewġa .......... 21
5. Tgħid din kumbinazzjoni? .......... 23
6. Innu lil tribù b'żewġ bnadar .......... 26
7. Ħarstek vjola tkanta .......... 28
8. Mal-fanal hemm ħarstek tixgħel .......... 31
9. Ballata mingħajr isem .......... 34
10. F'misraħ il-Parlament .......... 37
11. Pellegrin distratt .......... 41
12. Ribell ġentili .......... 45
13. L-akbar mass meeting .......... 50
14. Il-poeta u l-politiku .......... 54
15. Fl-oċeani t'għajnejk .......... 58
16. Fil-bar tal-kantuniera .......... 61
17. Jekk .......... 64
18. Karen u Raymond .......... 67
19. Poeżija għal ommi .......... 70
20. Hekk biss ikun poeta .......... 73

Ċ. Eżempji ta' Titli tal-Komponiment Letterarju .......... 77

D. Il-Konklużjoni: Il-Poeżija Romantika u Modernista f'Malta... 83

E. Glossarju ta' Termini Letterarji .......... 89

F. Il-Bibljografija .......... 95

# Daħla

Dan l-istudju kritiku jista' jkun ta' għajnuna għall-istudenti u għal-letturi li qegħdin jistudjaw is-sett ta' għoxrin poeżija ta' Oliver Friggieri bi preparazzjoni għall-eżami tal-MATSEC fil-livell avvanzat. Mill-banda l-oħra, dan il-ktejjeb jista' jkun ukoll għodda utli għal kull min irid japprofondixxi l-apprezzament letterarju tal-poeżija ta' Oliver Friggieri.

X'ma jagħmilx dan il-ktejjeb? Dan il-ktejjeb ma jagħmilx xogħol l-istudenti; intenzjonalment, hawn mhumiex se jsibu komponiment-mudell lest u lanqas se jimponi kkategorizzar riġidu tal-poeżiji f'temi speċifiċi. Dan l-istudju sempliċiment jgħin lill-istudenti billi jipprovdi interpretazzjoni addizzjonali ta' kull poeżija, idealment wara li huma jkunu studjaw il-poeżiji waħedhom jew mal-letturi tagħhom. Imbagħad jitħalla kompletament f'idejn l-istudenti biex jagħrfu kif jiktbu komponiment letterarju fejn iqabblu b'għaqal il-poeżiji flimkien skont it-tema li dwarha jiġu mitluba jiktbu.

L-ewwel taqsima tal-ktejjeb tintroduċi lil Friggieri billi tanalizza l-istil partikolari li bih jikteb il-poeżija tiegħu. It-tieni taqsima toffri analiżi dettaljata ta' kull poeżija filwaqt li t-tielet taqsima sservi biex tħarreġ lill-istudenti permezz ta' eżempji ta' titli li jgħinu fil-prattika tal-kitba tal-komponiment. Il-parti konklużiva tgħin lill-istudenti jwessgħu l-perspettiva kritika tagħhom billi jpoġġu l-poeżija ta' Friggieri fil-kuntest tal-istorja tal-letteratura

Maltija. Wara din il-parti hemm lista ta' termini letterarji b'definizzjoni qasira li tista' tkun utli waqt l-analiżi kritika mill-qrib tal-poeżiji ta' Friggieri.

In-numru tal-paġna indikat maġenb kull titlu tal-poeżiji fit-tieni taqsima jirreferi għan-numru tal-paġna fil-ġabra ta' poeżiji *Mal-fanal hemm ħarstek tixgħel* magħżula minn Toni Cortis u ppubblikata mill-Merlin fl-1988. F'dan il-ktejjeb, l-analiżi ta' kull poeżija tiġi ppreżentata f'ordni kronoloġika skont meta l-poeta kiteb il-poeżija, jiġifieri minn dawn l-għoxrin poeżija l-ewwel poeżija li tiġi studjata hija l-eqdem waħda filwaqt li l-aħħar poeżija li tiġi studjata hija l-iktar waħda riċenti li kiteb Friggieri.

# A. L-Introduzzjoni: l-Istil tal-Poeta

Oliver Friggieri huwa każ partikolari ħafna. Minkejja li l-istudenti jsibuha faċli biex jikkategorizzaw poeti bħal Dun Karm bħala "Romantiċi" jew poeti bħal Mario Azzopardi bħala "Modernisti", xi drabi jitfixklu meta jiġu biex jitfgħu f'kategorija ta' poeti lil xi ħadd bħal Friggieri. Jista' jkun li l-istil li bih jesprimi ruħu dan il-poeta jeskludi b'mod awtomatiku l-possibbiltà li jintefa' f'garżella. Jista' jkun ukoll li l-poeżiji ta' Friggieri huma amalgamazzjoni ta' żewġ epoki jew movimenti letterarji; għaldaqstant it-tikketta ta' "Romantiku" u ta' "Modernista", sa ċertu punt, jistgħu joqogħdulu t-tnejn. Imma għaliex mhuwiex daqshekk faċli għall-qarrejja biex jidentifikaw l-istil ta' dan il-poeta?

Friggieri twieled fl-1947. Fi żmienu kienu għadhom ħajjin poeti Romantiċi bħal Dun Karm (1871-1961) u Karmenu Vassallo (1913-1987), poeti li studjahom qatigħ u li kellhom influwenza kbira fuq il-poeżija tiegħu. Iżda f'żgħożitu Friggieri kien jagħmel parti minn grupp ta' poeti żgħażagħ attivi li riedu qawmien letterarju f'Malta. Fl-1967, meta Friggieri kellu 20 sena, twaqqaf formalment il-Moviment Qawmien Letterarju li xpruna l-mewġa Modernista fix-xena letterarja Maltija. Fost dawn il-poeti żgħażagħ kien hemm

dawk li tbiegħdu kemm felħu mill-poeżija Romantika, kemm tematikament kif ukoll prosodikament. Kien hemm xi kritiċi li lill-poeżija ta' dawn sejħulha "ermetika", jiġifieri poeżija li tant hi kumplessa li ma tinftihemx. Mill-banda l-oħra, fil-perjodu post-Romantiku kien hemm poeti li baqgħu marbutin wisq mal-era Romantika; essenzjalment, it-tnikkir tal-influwenza Dunkarmjana ma ħallihomx jesploraw modi ġodda ta' espressjoni. U allura Friggieri ma' liema naħa jagħmel? Stilistikament, il-poeżija ta' Friggieri kienet xi mkien fin-nofs bejn dawn iż-żewġ estremitajiet; il-poeżiji tiegħu jixhdu rispett lejn il-predeċessuri letterarji tiegħu fl-istess waqt li jimirħu lil hinn. Skont Achille Mizzi: "Oliver kien wieħed minn ta' quddiem li kiteb poeżija sublimi li, għalkemm dwiet fil-prosodija lil dik ta' qabilha, ħolqot stil personali u għalkollox oriġinali" (157). Mizzi jiddeskrivi l-istil Friggierijan bħala wieħed meqjus iżda kontemporanju li jirrispetta t-tradizzjoni imma li jilqa' bi ħġaru l-innovazzjoni. Waqt il-qari tal-poeżiji ta' Friggieri, il-qarrejja jistgħu japprezzaw "il-mixja meqjusa skont il-metrika stabbilita li juża" filwaqt li jifhmu kif "dan, Friggieri jirnexxilu jagħmlu fid-dawl tal-poeżija kontemporanja, iżda nieqsa minn dik il-kakofonija li hija tipika ta' xi poeti moderni ta' żmienna" (165).

Għaldaqstant, skont diversi kritiċi Friggieri huwa l-poeta Malti li għażel li jimxi mal-prinċipju antik "in medio stat virtus", espressjoni bil-Latin li tfisser: "il-virtù tinsab fin-nofs", dik it-triq ideali li toffri sens ta' bilanċ u serħan għar-ruħ għax titbiegħed mill-estremi. Skont Peter Serracino Inglott, dan huwa l-poeta tas-sittinijiet li, f'kuntrast ma' sħabu, għażel il-"golden mean" (46). F'intervista li għamillu Charles Briffa, Friggieri jistqarr li b'kitbietu huwa jilħaq

"kompromess bejn it-tradizzjoni u l-modernità" u jara dan il-kompromess bħala l-unika alternattiva li tagħmel sens għal-letteratura ta' żmienna ("Maltese" 53). F'artiklu li kiteb hu stess, Friggieri jistqarr li "Ma hemmx tradizzjoni ħajja u tajba mingħajr modernità, u ma hemmx modernità f'saħħitha mingħajr tradizzjoni matura" ("It-Triloġija"). Terence Portelli spjega kif Friggieri jirrappreżenta l-kontinwità bejn żewġ movimenti ewlenin fix-xena letterarja lokali għaliex huwa dak il-poeta li għażel "it-triq tan-nofs bejn poeżija anakronistika u poeżija ermetika, kompromess, mhux rivoluzzjoni imma evoluzzjoni, kontinwità, kompla jibni fuq il-pedamenti mħejjija mir-Romantiċi Maltin" (426).

Minkejja li huwa poeta tas-sittinijiet, Friggieri ma beżax juri kemm l-element Romantiku huwa importanti fih; darba hu stess iddefinixxa lilu nnifsu bħala "żagħżugħ li f'qalbu għandu minqux l-isem kbir ta' DUN KARM" ("Poeta"). Is-sentiment ta' simpatija lejn ir-Romantiċiżmu jixref ukoll fil-versi konfessjonali tal-poeżija "Eh, forsi" fejn jikkontempla l-identità letterarja tiegħu: "jien romantiku li twieled / biex jgħix jixxennaq seklu li mhux tiegħu" (*Il-Poeżiji* 142). Ir-Romantiċiżmu jibqa' għalih sors ta' ispirazzjoni; Mizzi jistqarr li waqt il-qari tal-poeżija ta' Friggieri "ma tistax ma tolqtokx l-ansjetà spiritwali ttektek dejjem quddiem il-vakwu mimli malinkonija li wiret mingħand Karmenu Vassallo u Giacomo Leopardi" (165). Għaldaqstant ma niskantawx jekk il-poeżiji ta' Friggieri, poeta meqjus bħala esponent ewlieni tal-moviment Modernista f'Malta, jistgħu jidhru bħala tkomplija tal-mod li bih esprimew irwieħhom il-poeti Romantiċi ta' qablu. Iżda Friggieri wettaq dan billi tah ħajja ġdida permezz tal-istil partikolari tiegħu. F'artiklu li kiteb fl-1966 intitolat "Għandna Qawmien

Letterarju?" Friggieri spjega kif ix-xogħlijiet letterarji anakronistiċi kienu se "jdejqu lil min jaqrahom" sakemm ma "nagħtuhomx ġmiel u tifsira ġdida" (5). Għalkemm tixbah lil dik Romantika, il-poeżija ta' Friggieri kapaċi tkun aktar filosofika, aktar intelliġenti u aktar evokattiva. F'kuntrast mal-poeżija Romantika, il-poeżija ta' Friggieri lanqas hija poeżija li tinftiehem malajr: permezz ta' metafori xi drabi oskuri, l-espressjoni poetika tiegħu xi drabi ssir enigmatika u miftuħa għal aktar minn interpretazzjoni waħda, kwalità li tqarribha aktar lejn l-espressjoni Modernista. Fl-istess waqt li tidwi l-mużikalità tal-versi tradizzjonali spiss assoċjati mar-Romantiċiżmu, il-poeżija ta' Friggieri tevoka l-ambigwità u l-inkwiet ansjuż tal-Moderniżmu. L-ittra li darba Friggieri kiteb lil Ġorġ Borg tindika kif jaħsibha Friggieri dwar l-att poetiku ideali:

> Il-poeti li neżżgħu lill-poeżija mill-mużikalità għamlu delitt kbir. Il-poeti li nqdew bil-mużikalità biex ma esprimewx intensità ġewwiena għamlu delitt kbir ieħor. Għalhekk int tagħmel tajjeb li tissokta żżomm il-mużikalità metrika waqt li tesprimi ħwejjeġ intensi. ("Iktar" 25)

L-istudju kritiku ta' Friggieri dwar il-poeta Carmel Attard ukoll jixhed il-ħsieb ta' Friggieri dwar "kif imissu jkun" poeta:

> Minn naħa lanqas mhu poeta li ċaħad kull rabta mal-imgħoddi tradizzjonali tal-poeżija ta' Dun Karm, bħala Klassiku-Romantiku, u ta' poeti oħrajn, l-iżjed Briffa, Buttigieg, K. Vassallo u Ġ. Zammit, bħala Romantiċi. Fih għad hemm il-fdal ċar ta' influwenzi, kemm fil-forma u kemm fil-materja, li jorbtuh (kif

> imissu jkun fil-każ ta' kull poeta mnebbaħ) mal-imgħoddi storiku, waqt li, min-naħa l-oħra, hemm ħjiel ta' kuxjenza tal-preżent. Il-punt tat-tluq tiegħu, fil-fatt, huwa Romantiku, għalkemm imqiegħed fil-kundizzjonijiet tad-dinja tal-lum. (*L-Istudji* 503)

Dan huwa proprju l-bilanċ letterarju li jemmen fih Friggieri u li attwaħ permezz tal-espressjoni poetika tiegħu stess; il-poeżiji tiegħu jgħaqqdu flimkien "il-mużikalità metrika" mal-"intensità ġewwiena". B'dan il-mod il-poeta jirnexxilu "jċaqlaqna" kif issuġġerixxa Lonġinu kkwotat minn Friggieri nnifsu waqt li jispjega t-terminu "stil": "Fit-trattat *Fuq is-Sublimi* l-kritiku klassiku Lonġinu jimplika minn kmieni din il-konklużjoni: 'l-effett ta' lingwa għolja mhux li tipperswadi s-semmiegħa iżda li tgħaxxaq'. Hu jisħaq aktar fuq dak li 'jċaqlaqna' milli fuq dak li 'jipperswadina'" (*Dizzjunarju* 744). Għaldaqstant Friggieri mexa fuq il-passi tal-predeċessuri Romantiċi u kiteb poeżiji b'versi regolari, bħall-endekasillabi li skont Mizzi "huma tant għal qalbu" (164), bi strofi u b'rima regolari; iżda ma waqafx hemm. Il-versi ta' Friggieri jċaqalqu wkoll lill-qarrejja minħabba l-profondità tal-ħsieb li tqanqal l-eżami tal-kuxjenza, minħabba li "l-ilsien letterarju, kif jikteb Genette, jikkonsisti fit-tibdil tal-lingwa f'ħaġa li tqanqal l-inċertezza u l-mistoqsija" (*Dizzjunarju* 744). Il-poeżija ta' Friggieri jirnexxilha tittrasmetti "l-inċertezza" u "l-mistoqsija" lill-qarrejja li minflok isibu tweġibiet lesti jsibu fiha minjiera ta' riflessjonijiet utli dwar il-ħajja, riflessjonijiet li huma jistgħu jidentifikaw irwieħhom magħhom.

# B. L-Analiżi tal-Poeżiji

## 1. Lil Malta p. 12

It-titlu tal-poeżija jista' joħloq aspettattivi opposti fil-qarrejja peress li s-soltu jiġi assoċjat mal-ġeneru tal-ode bħas-sunett bl-istess isem "Lil Malta" ta' Dun Karm jew bħall-poeżija popolari "Tifħira lil Malta" ta' Ġan Anton Vassallo. Friggieri huwa konxju minn kemm il-poeti Romantiċi ddedikaw **"l-għanja tal-foħrija"** lil Malta u għalhekk jagħmilha ċara li f'din il-poeżija mhuwiex se jagħmel bħalhom.

Fl-ewwel parti tal-poeżija, jiġifieri l-ewwel tliet strofi, il-poeta japostrofizza lil Malta biex jgħarrafha li mhuwiex se jittratta, jew jgħanni dwar, il-motivi tipiċi tar-Romantiċi bħall-istorja gglorifikata, il-patrijottiżmu, l-identità Mediterranja tal-pajsaġġ u l-poeżija. Ironikament, sakemm jispjega dawn il-motivi, Friggieri xorta waħda jagħti deskrizzjoni idillika ta' Malta: donnu jrid juri li huwa kapaċi japprezza s-sabiħ u t-tajjeb ta' Malta bħar-Romantiċi imma jaf li dan it-tip ta' apprezzament ma kienx rilevanti għall-perjodu immedjat li fih kien qiegħed jikteb.

Din il-poeżija nkitbet fl-1967, tliet snin wara li Malta kisbet l-Indipendenza, il-ġrajja nazzjonali li l-poeta jirreferi